MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 381/2007

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-3 ta’ Ottubru 2007, li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

1. Illi minn relazzjoni li l-attriċi kellha mal-konvenut twieldet tarbija li jisimha X fis-26 ta’ Diċembru 2000 u dan kif jirriżulta mill-anness ċertifikat tat-twelid.

2. Illi l-konvenut mill-1 ta’ Diċembru 2005 sal-lum l-konvenut ma ta l-ebda tip ta’ manteniment għal għajnuna oħra finanzjarja għat-tifla minuri X.

3. Illi tul dan iż-żmien kollu kienet biss l-attriċi illi pprovdiet għall-ispejjeż kollha tat-tarbija tagħha X kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża.

4. Illi l-attriċi kienet inizjat proċeduri ta' medjazzjoni numru 494/07GG liema proċeduri pero' fallew.

5. Illi l-attriċi ġiet awtorizzata tipproċedi bil-kawża odjerna permezz ta' digriet maħruġ fit-3 ta' Awissu 2007 (Dok. B).

Għaldaqstant l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Takkorda lill-attriċi bil-kura u kustodja tat-tifla minuri X;

2. Tiffissa dik ir-retta alimentari li għandha tkun pagabbli mill-konvenut lill-attriċi bħala manteniment għall-minuri X;

3. Tiddikjara illi l-attriċi nkorriet spejjeż konsiderevoli fit-trobbija tal-minuri X u konsegwentement tiddikjara illi din ir-retta alimentari hija dovuta mill-konvenut mill-1 ta' Diċembru 2005, jew minn data oħra verjuri li jogħġobha tiddeċiedi din l-Onorabbli Qorti;

4. Tillikwida dik is-somma li hija dovuta mill-konvenut lill-attriċi bħala arretrati ta' manteniment *ai fini* tat-tieni talba.

5. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma likwidata *ai fini* tat-tielet talba.

Bl-ispejjeż u l-konvenut inġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata, ippreżentata fit-28 ta' Jannar 2008, li permezz tagħha l-konvenut eċċepixxa bir-rispett:

l. Illi l-intimat ġie notifikat b'din il-kawża nhar it-Tnejn, 14 ta' Jannar, 2008, u ż-żmien għall-preżentata tar-risposta ġuramentata tiegħu kien jiskadi f'jum il-Ħadd, 3 ta' Frar, 2008, imma l-intimat / konvenut għażel li jintavola din ir-risposta ġuramantata tiegħu qabel minħabba sitwazzjoni gravi li ħakmitu u partikolarment li dana ma jistax jimxi jekk mhux bl-assistenza ta' krozzi u jinħtieġlu operazzjoni serjissima li ma tistax issir hawn Malta minħabba l-eta' żgħira li għad għandu ta' tlieta w tletin (33) sena, kif jingħataw aktar dettalji lil din l-Onorabbli Qorti f'dan id-dokument odjern.

2. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tkun taf li r-rikorrenti / attriċi li llum għandha l-eta' ta' madwar sitta u għoxrin sena, l-intimat / konvenut kien għamel madwar sitt snin jikkoabita magħha, fir-residenza ta' ommha u ta` missierha.

3. Illi l-intimat / konvenut jiddeskrivi issa, u dejjem bil-ġurament tiegħu, kif kien oriġinarjament iltaqa' mar-rikorrenti / attriċi u kif kien għamel sitt (6) snin jikkoabita magħha bl-approvazzjoni ta' l-istess ġenituri tar-rikorrenti li llum għandha madwar sitta w għoxrin sena.

4. Jiena llum għandi tlieta u tletin sena u din is-sena proprju fis-7 ta' Ottubru, tas-sena 2008, nagħlaq erbgħa u tletin sena. Nikkalkula li jiena ltqajt mar-rikorranti meta din kellha madwar erbatax-il sena u kienet ser taqleb għal ħmistax-il sena; jiena kelli madwar dsatax-il sena miexi għal fuq l-għoxrin sena. Kont iltqajt ma' din A ħdejn il-bandli taż-Zurrieq fil-festa ta` Santa Katarina fejn hemmhekk iċċajtajna ma' xulxin u għaddejna kummenti lil xulxin kif jagħmlu ż-żgħażagħ kollha u hemmhekk fejn il-bandli ta' Santa Katarina huwa post magħruf fejn jiltaqgħu ħafna żgħażagħ, u bdejna niffrekwentaw lil xulxin.

5. Wara ftit bdejna noħorġu flimkien bħala ħbieb u dan il-perjodu kien ta' madwar sitt xhur, u jiena lil din it-tfajla li kienet fuq ruħha ħafna, u tilbes provokanti jiena kont kważi ngħidilha biex tirranġa miegħi jiġifieri li nibdew noħorġu u nkunu intimi ma` xulxin. Ir-rikorrenti ma kienetx toqgħod tagħti kasi u allura jiena biex ninkiha kont

ngħidilha li kont ser infittex l-intimita' ta' tfajla oħra. Naħseb din il-mossa affettwatha u allura kienet l-istess rikorrenti li qablet li tibda toħroġ miegħi. Dak iż-żmien jiena jekk qed niftakar tajjeb kont naħdem mal-privat fl-injam li jfisser illi s-sengħa tat-tqegħid tal-madum ma kontx għadni nafha dak iż-żmien, għad illi dik hija s-sengħa ta' missieri u jiena eventwalment tgħallimt mingħand missieri kif inqiegħed il-madum.

6. Biex inkun fil-qosor, ir-rikorrenti fl-aħħar aċċettat li tibda tikkoabita miegħi u avolja dak iż-żmien kellha madwar ħmistax-il sena, aħna bdejna niddeportaw ruħna ma' xulxin fl-intimita' kollha possibbli u nieħdu prekawzjonijiet naturali biex ir-rikorrenti ma tinqabadx tqila pero' kellna l-problema li appartament li konna krejna jiena bdejt insib il-kera għolja, u kienet ir-rikorrenti stess li ssuġġeriet li mmorru noqogħdu fir-residenza tal-ġenituri tagħha, peress illi l-ġenituri tiegħi oġġezzjonaw li jiena ngħix f'sitwazzjoni bħal din u partikolarment lanqas xtaquni illi noħroġ ma` din ir-rikorrenti.

7. Illi jiena ma għandi ebda interess li nweġġa' lill-familja taghha, biss ir-rikorrenti anke dawk iż-żminijiet kienet magħrufa li hija mara mimlija attivita' u kif ngħidu bil-Malti "tiġri", kellha ħutha diġa' magħrufa li kienu konnessi mat-teħid tad-droga, u l-ġenituri tagħhom ma tantx jidhru li kienu jagħtu kas ta' din is-sitwazzjoni. Huwa għalhekk li l-ġenituri tiegħi ppreokkupaw ruħhom ħafna li jiena kont bdejt nagħmilha ma' dan it-tip ta' kumpanija imma llum avolja għadni zgħir ta' tlieta u tletin sena, illum ngħid li dak iż-żmien kont ovvjament ferm iżgħar, naħsibha differenti u ta' ragel li kont l-atteġġjament imqanqal tar-rikorrenti kemm fil-mod kif tilbes, kemm fiċ-ċaqliq u s-seduzzjoni fiżika tagħha, u kemm fil-fatt illi ma kienetx tagħmilhieli diffiċli biex nissodisfa l-pjaċiri fiżiċi u instintivi tiegħi, jiena ovvjament ma tajtx każ tat-twissijiet li kienu qed jgħiduli l-ġenituri tiegħi. U biex naqtagħha fil-qasir spiċċajt ngħix fid-dar u fir-residenza tal-ġenituri tar-rikorrenti. Illi dak iż-żmien ir-rikorrenti ma kienetx taħdem imma l-kors li kienet qegħda ssegwi fl-MCAST, u ċioe' kors li kellu x'jaqsam mad-dehra tax-xagħar, f'dan il-kors kienu jgħidulhom biex imorru jsibu *'Hairdresser'* biex tibda

tiprattika miegħu u hemmhekk naf li r-rikorrenti bdiet tagħmel xi xogħol. X'tagħmel illum jiena ma nafx billi ili maqtugħ minnha għal aktar minn sentejn u llum jiena għandi l-ħajja tiegħi, imma sfortunatament ukoll m'inix qiegħed naħdem minħabba dak illi ġrali kif ħa nispjega lil din il-wisq Onorabbli Qorti. ·

8. Jiena m'inix ser noqgħod nidħol fl-istorja ta' ħajti billi jiena m'inix u qatt ma kont miżżewweġ lir-rikorrenti u l-Avukat li qabbadt, Dr Emmy D. Bezzina qed jgħidli li l-Qorti m'hijiex interessata fil-ħajja privata tiegħi imma li l-Qorti tillimita lilha nnifisha għat-talbiet li għamlet ir-rikorrenti u jiena da parti tiegħi m'inix sajjer nagħmel kontro-talbiet għal diversi raġunijiet mhux biss minħabba l-ispejjeż tal-Qorti billi jiena ma naħdimx u m'għandix mezzi imma fl-istess ħin ma xtaqtx li mmur għand l-Avukat ta' l-Għajnuna Legali u għalhekk qed jgħini missieri li missieri wkoll għandu l-problemi tal-familja billi ommi għadha kif għamlet operazzjoni serja, imma jiena l-aktar li jinteressani hu li nuri lill-Qorti li lit-tifla nħobbha, li jiddispjaċini li t-tifla tiegħi qegħda fl-ambient li qegħda llum, imma jiena llum għandi ħtiega ta' min idur bija, u l-istat sejjer jibgħatni barra minn Malta biex nopera lili nnifsi f'kundizzjoni fiżika serja illi jiena sabu li qed inbati minnha u allura ċertament fil-perjodu li ġej żgur mhux ser ikolli ż-żmien li nieħu ħsieb X li llum għandha seba' snin billi kif qed nispjega lill-Qorti jiena la għandi residenza, la għandi proprjeta', la qiegħed naħdem, u bħalissa moħħi biss ipreokkupat fuq l-istat ta` saħħti, u nerġa' ngħid il-piż ewlieni finanzjarju u biex jieħdu ħsiebi reġa' waqa' fuq missieri billi ommi wkoll għadha kif għamlet operazzjoni serja li ma tistax tiddedika l-enerġija tagħha fuqi, u kwindi ma nistax inkun għaddej minn mumemt agħar imma bil-grazzja t'Alla jiena nipprova nissormonta dawn id-diffikultajiet.

9. Illi pero' kif kont qed nispjega l-ħajja ma' din A ma kienetx xi waħda kuntenta fis-sens illi jiena spiċċajt biex kelli tifla mingħand din il-mara, din kienet mara li tħobb tiġri u wara li dratni u xebgħet minni bdiet tiġġerra ma' diversi rġiel oħra u anke b'ċertu kumpanija ta` ħbiberija li kellha ma' tfajliet u ġuvintur oħra li kollha qishom jemmnu

fuq il-prinċipju *'ħallata ballata'* li tfisser sess mingħajr kontroll, teħid ta' drogi, divertiment, sokor, ħajja bla rażan u libertinaġġ, u li għix illum għax għada ħadd ma rah!

10. Illi f'dan il-perjodu kien hemm ukoll inċidenti vjolenti bejnietna u dana jiena sejjer infisser kif ġara u seħħ wieħed mill-inċidenti l-aktar vjolenti. Darba minnhom lil A, għax A. kienet qabdet ma' ħabiba u kien ikun hemm ħafna ġuvintur u tfajliet li kont għidtilha *"tmurx għandha"*, u kienet tisfidani u tmur xorta għand din il-familja, toqgħod ftit bogħod minn A. U darba minnhom għidtilha *"mela mur, jien ħiereġ"*, qaltli *"oħroġ"* u jiena biex naħraqha ftit u tiġi d-dar għidtilha *"inti ma tmurx għax ikun hemm ħafna ġuvintur, mela ħa mmur fejn in-nisa jiena"*, dan fuq il-*mobile*. Qaltli *"oqgħod hemmhekk, daqt niġi"*. Ġiet, qabdet ix-xafra, telgħat fuq, niżlet isfel, qaltli *"ejja ħa tmur fejn in-nisa"* u tagħtni tlett daqqiet ta' xafra tal-leħja. U mbagħad konna morna l-Għassa taż-Żurrieq, u kont tlajt għand ommi, niżlu miegħi ommi w missieri l-għassa taż-Żurrieq. Umbagħad mill-għassa tal-Pulizija u bagħtuni l-*polyclinic* ta' Raħal Ġdid, suppost aħna tal-lokal nagħmlu ma' tal-Furjana imma peress li kienu bagħtu lil A l-Furjana lili kienu bagħtuni Raħal Ġdid. Ġo dahri għamluli għaxar punti u erba' punti f'idejja u ġo wiċċi kienet għalqitli ma kienetx fonda, kienet telqet. Lil A bagħtuha l-*polyclinc* tal-Furjana għax hi ġabitha li għamlitli hekk bix-xafra għax jiena tajtha ġo rasha. U mhux veru, u A kienet qaltuli dan, għax imbagħad wara dan il-każ ahna konna rranġajna. A kienet qaltuli, qaltli sakemm ma kienx hemm in-*nurse* ħdejha, sakemm kienet qed tistenna qabdet bott tal-pinnoli li kien hemm x'ħin kienet qed tistenna u bdiet tagħti ġo rasha biex iġġib rasha ħamra biex tgħidilhom *"ara x'għamilli, għalfejn għamiltlu hekk bix-xafra jiena"*, u dan qaltuli wara xi tliet ġimgħat, għax għamilna xi tliet ġimgħat ma nitkellmux jiena u A peress li kienet għamlitli hekk u kellha l-Qorti u hekk. Umbagħad kont erġajt ċempiltilha jiena u erġajna ltqajna u kienet qaltli l-istorja x'għamlet. Dan il-każ spiċċa l-Qorti u jiena ma kontx tlajt biex naħfrilha għax konna erġajna flimkien imbagħad. Jiġifieri hi ħarġet illiberata għax jiena ma tlajtx, għax l-avukat qalli *"jekk ma titlax taqa' l-kawża"*, u jien biex naħfrilha ma

tlajtx. Jiena għad għandi l-karta li kienu għamluli l-*polyclinic* dakinhar ta’ l-inċident.

ll. Illi dana l-inċident kien seħħ għall-ħabta tad-9 ta’ Awissu tas-sena 2002 u jiena niftakar li kienu għamluli ċertifikat fil-poliklinika ta’ Raħal Ġdid u nerġa’ ngħid il-każ waqaf hemm għax jiena kont irranġajt mar-rikorrenti u allura la rranġajt u fl-interess tat-tifla tiegħi jiġifieri din X jiena speċi ta’ ħfirt lir-rikorrenti pero’ ovvjament il-ġenituri tiegħi kienu nkwetaw ħafna u qiegħed nesebixxi żewġ ritratti u ċertifikat mediku li ħa ntihom il-prefissa Dokument RZ1 u Dokument RZ2.

l2. Illi l-ewwal paragrafu tar-rikors ġuramentat tar-rikorrenti huwa li twieldet tarbija li jisimha X fis-26 ta’ Diċembru, tas-sena 2000, jiġifieri madwar tmien snin ilu u dan kif jirriżulta mill-anness ċertifikat tat-Twelid li apparentement ir-rikorrenti lanqas Ċertifikat tat-Twelid ta’ binti ma’ esebiet.

13. Illi effettivament jiena nikkonferma li mir-relazzjoni mar-rikorrenti kienet twielditilna tifla u biex inkun preċiż nhar it-Tlieta, 26 ta’ Diċembru, tas-sena 2000, għal ħabta tat-tmienja u għaxra ta’ filgħaxija fl-Isptar Karen Grech ġewwa l-Pieta’ u konna semmejniha X, Y u Z li aħna nsejħulha pero’ X, u konna jiena stess u ommha li l-isem proprju tagħha huwa meta din kien għad kellha tmintax-il sena u jiena kelli sitta w għoxrin sena, li tfisser li bejnietna hemm differenza ta` tmien snin, bejni u bejn ir-rikorrenti / attriċi. Issa ser nispjega xi dettalji dwar binti X, kemm ilni ma naraha, għalfejn ilni ma naraha, jekk inix ngħaddilha manteniment, biex dan jitfa’ dawl anka fuq it-talbiet illi għamlet ir-rikorrenti, ħames talbiet b’kollox u fejn jiena sejjer infisser il-Qorti li dawn il-ħames talbiet ir-rikorrenti qed tagħmilhom għal raġuni waħda kif jiena ukoll sejjer nispjega.

14. Jiġifieri kelli nkun jien missier X illi nesebixxi Ċertifikat tat-Twelid ta` binti billi lanqas ommha dan il-fatt ma kienet kapaċi tagħmlu. Ħalli issa nispjega l-pożizzjoni dwari u dwar binti.

15. Jiena u binti konna sewwa ħafna, per eżempju noħodha miegħi l-għalqa, per eżempju noħodha l-baħar. Ma mortx għaliha per eżempju jiena fl-2006, f'sena forsi rajtha xi erba' darbiet b'kollox jew xi ħames darbiet fl-2006, għax għalkemm ma konniex flimkien konna niltaqgħu xorta, imma per eżempju daqqa imxi wassalni 'l hawn u daqqa imxi wassalni 'l hemm, u jiena ngħidilha *"agħtini t-tifla"* u hi tgħidli *"issa naraw, hierga, mhux illejla*", u ħafna skużi, forsi rajtha xi sitt darbiet fl-2006. Fl-2007 rajtha darba, f'Mejju biss. Ma bqajtx immur għaliha jiena fl-2007 għax A rranġat ma' dan omissis, lil A kont ngħidilha *"ħa niġi għat-tifla llejla"*, u hi kienet tgħidli *"ara ma tersaqx lejn id-dar għax jekk iġġellidni minn miegħu ħażin għalik, anka hu ma jridekx tersaq 'l hemmhekk"*. U jiena b'mod jew ieħor ridt immur għaliha imma mbagħad għalhekk jiġifieri li ftaħt il-kawża biex intellagħha l-Qorti, u domt ma ftaħtha l-kawża l-Qorti għax ma' min kont nitkellem kien jgħidli *"trid tħallas mitejn u ħamsin, mitejn u ħamsin"* u ma kellix flus. Imbagħad meta kont faddalt xi ħaġa biex niftaħ din il-kawża kont qabbadt lil Dr Joe Sammut u tlajt. Jiena kieku ma ridtx lit-tifla ma kont niftaħ xejn, jiena bdejtha l-kawża. Issa meta tlajt l-Avukat Joe Sammut minflok ġie hu bagħatli lil xi ħaddieħor u li bdejt ngħidilha jiena ma bdiet tgħid xejn, per eżempju bdejt ngħidilha li m'għandix flus jiena, hi ma qaltlux lill-Imħallef li m'għandix flus, bdiet tagħmilli *"ejja nippruvaw intuha tmenin*", heq jekk jiena m'għandix flus kif ser intuha tmenin? U għalhekk ma bdejtx nitkellem quddiem l-Imħallef, tgerfixt quddiem l-Imħallef. U jiena t-Tlieta meta kelli mmur biex niffirma l-kuntratt kont ser nitla' imma mhux biex niffirma l-kuntratt li jiena aċċettajt, kont ser nitla' biex lill-Imħallef ngħidlu li jiena ma qbiltx u mhux se niffirma. Imma ma stajtx nitla' mbagħad għax kienet weġgħetni saqajja u ma stajtx nibgħat iċ-ċertifikat għax peress li kont ser inwaqqfu lil Dr Sammut ma stajtx nibgħat iċ-ċertifikat miegħu. Jiġifieri dak li kien ġara. Għax kieku ma ridtx nara lit-tifla kienu ma kontx niftaħ il-kawża.

l6. Sakemm jiena kont ma' A r-rapport tiegħi ma' X kien sewwa ħafna. Konna nilagħbu per eżempju, dak iż-żmien kont inrabbi xi fniek l-għalqa u kont noħodha miegħi. Per eżempju x'ħin immur id-dar konna dejjem nilagħbu daqqa

ta' *teacher*, konna ħafna sewwa jiena w it-tifla. Jiena kont nirreġistra u kont nieħu l-flus tar-reġistrar u kont nixtrilha l-affarijiet lit-tifla, u ommha kienet iġġib ukoll, għax hi kienet taħdem il-BJs. Meta kont naħdem lil A kont intiha ħamsin lira fil-ġimgħa, avolja A qalet li mhux veru tajtha jiena, imma jiena fil-verita' kont intiha ħamsin lira fil-ġimgħa. Imbagħad meta per eżempju ma kienx ikolli ħafna flus kont intiha per eżempju tletin, erbgħin lira Maltin. L-għalqa kienet proprjeta' ta' missieri u jiena kont inqatta' ħafna hin hemm. Lit-tifla kont ngħidilha *"ġejja miegħi?"* u hi kienet tħobb tiġi. U kien ikun hemm per eżempju t-tifla ta' ħija, kien jinżel ħija hemmhekk, konna nieħdu pjaċir filgħaxija hemmhekk, u X kienet toqgħod tilgħab mal-kuġina tagħha. Anka l-baħar kont noħodha.

17. Imbagħad jiena u A kellna argument u A kienet qaltli *"barra"* u keċċietni 'l barra. U bdejt inċemplilha fuq il-*mobile* u ma bdietx tirrispondini. U niftakar kont ċempilt lil ommha, għidtilha *"għidilha tkellimni lil A, ilni nċemplilha u taqta', inċempel u taqta".* U kif kellmitni ommha, l-ewwel qaltli *"issa ngħidilha",* erġajt ċempiltilha, għidtilha *"għidtilha lil A?"* u kellmitni hekk ommha, qaltli *"it-tifla m'għandekx x'tambiha"*, għidtilha *"alrigħt, issa npattihielha jiena".* U kienet marritli għand il-pulizija u tellgħatni l-Qorti. U jiena kelli lil Dr Joseph Sammut u hi kellha lil Dr Herrera u kienet qaltli *"għandek garanzija biex ma tersaqx lejn id-dar tagħha".* U b'hekk jiġifieri li qtajna, mill-2005, fl-1 ta' Diċembru tal-2005, kienet għamlitli garanzija biex ma mmurx fejn id-dar tagħha. Jiena m'għandix kopja ta' din il-garanzija. L-avukat tiegħi ma kienx tkellem u lanqas jiena ma kont tkellimt dakinhar. L-Avukat kien ġie ħdejja, għax jiena lanqas bdejt nifhem x'kien qed jiġri, qalli *"garanzija biex ma tersqilhomx 'l hemm".*

18. Illum jiena m'inix qed nara lit-tifla u dan għaliex meta jiena kont inċempel lil A u ngħidilha biex immur għat-tifla kienet tgħidli *"tiġix għax ma niftaħlekx".* U ġieli kont immur xorta u daqqa kienet tiftaħ u daqqa toħroġ, tgħidli *"jiena ħierġa, mhux ser inkun hawn",* kont ngħidilha *"ha neħodha u ma ndumx",* kienet tgħidli *"le għax ħa ndum jiena".* Imbagħad beda jgħaddi ż-żmien, kont ngħidilha *"mela għada ħa niġi għaliha"*, kienet tgħidli *"għada naraw",* u

konna noqogħdu sejrin hekk. Imbagħad fl-aħħar kienet tgħidli *"ara ma tiġix lejn id-dar għat-tifla għax jiena rranġajt ma' Omissis u Alla ħares iġġellidni miegħu għax ħażin għalik"* u bin-naqra n-naqra nqtajt minn mat-tifla wkoll.

19. Dan Omissis huwa r-raġel li qegħda miegħu llum, u A għandha tifel mingħandu jismu Z. Omissis meta A rranġat miegħu huma kienu joqogħdu f'xi residenza l-Belt u meta kienu għadhom fil-bidu ġieli ċemplet lili A tgħidli *"imxi wassalni l-Belt għax mhux ser nilħaq tal-linja tal-għaxra ta' fil-għaxija".* Hi kienet tgħidli dawn l-affarijiet, b'hekk jiġifieri jiena naf li jismu Omissis u hekk. Jiena kont inwassalha għand dan Omissis, dejjem biex nipprova biex ittini t-tifla. Per eżempju kont ngħidilha *"għada ħa niġi għat-tifla, jien ser inwasslek imma għada ħa niġi għat-tifla"*, kienet tgħidli *"għada ċempel u mbagħad naraw"*. Fis-sena 2007 it-tifla jiena rajtha darba biss, f'Mejju. Bħalissa m'għandix mezzi biex immantni lit-tifla tiegħi, mhux għax ma rridx imma għax iċ-ċirkostanzi ma jippermettulix.

20. Illum-il ġurnata d-Digriet li kienet tat il-Qorti li jiena nagħti mitt lira fix-xahar lil binti ma nistax nonorah, jiena m'għandix flus, biex ikolli xi ħaġa qed nissellef kollox mingħand missieri.

21. Illi mela m'huwiex kontestat l-ewwel paragrafu tar-rikors ġuramentat tar-rikorrenti imma naturalment għax hekk jaqbillha r-rikorrenti qalet punt li ħarġitu barra mill-kuntest tal-ħajja soċjali u reali li ngħixu fiha r-rikorrenti u jiena bħala missier bint, u mkien per eżempju ma r-rikorrenti semmiet lil dan Omissis u kif dan kien jheddidha biex jiena ma nersaqx lejn ir-residenza tal-ġenituri tagħha fejn binti qegħda tgħix sal-gurnata tal-lum, u nixtieq ngħid lill-Qorti li binti aktar man-nanniet materni tagħha milli ma' ommha u dan issa jiena sejjer nispjegah.

22. Illum peress li ilni ma nara lil binti għal żmien twil u fl-2007 rajt lil X darba biss, ma nafx min jaf lit-tifla, jiena nimmaġinha m'għadhiex bħal ma kienet meta rajtha l-aħħar, għax min jaf ommha kemm qaltilha kontrija, ma nafx, ma nista' ngħid xejn. Jien fl-2007 rajtha darba waħda biss, darba f'Mejju, jiġifieri jiena ma naf xejn fuq it-

tifla tiegħi. Jiena naf li t-tifla tgħix man-nanniet materni u ma' oħt A, u jiena ma jien kuntent xejn b'din is-sitwazzjoni. Per eżempju missier A m'huwiex xi raġel li jaf jieħu ħsieb, in-nanna materna tidgħi quddiemha, ħafna dagħa hemm oħt A li jisimha omissis hija Musulmana, anka jkollha l-mużew it-tifla, jekk tkun ma' oħt A ma twassalhiex il-mużew għax omissis hija Musulmana.

23. Illi rigward dak li r-rikorrenti / attriċi tallega li l-konvenut mill-1 ta' Dicembru, 2005 sal lum ma ta l-ebda tip ta' manteniment għal għajnuna oħra finanzjarja għat-tifla minuri X, l-intimat iwieġeb b'dan il-mod: *"Jiena qatt ma stajt nagħtiha manteniment għax hi kien ikollha l-flus, meta kien ikollha għax dejjem kienet tmur titlob mingħand ommha u missierha u mingħand il-ħbieb, per eżempju jekk jiena kont intiha xi ħaġa hi kienet jew tmur tixtri l-ħwejjeġ għaliha jew tagħmel xagħarha, jew toħroġ, per eżempju ma kontx ikun irridha toħroġ waħedha jiena toħroġ mal-ħbieb u dan bil-flus li kont intiha jiena, u t-tifla kienet tgħix man-nanna u man-nannu u oħt A. Kieku ridt nagħti jiena qatt ma stajt naraha lit-tifla, f'sena sħiħa rajtha darba waħda biss, f'Mejju. Jiġifieri lili ma tridnix naraha lit-tifla."*

24. Jiena bħala missier ta' din it-tifla kont naqta' qalbi biex inqabbad avukat biex nara l-progress ta' binti jew in-nuqqas tiegħu li din qed tagħmel fil-ħajja tagħha, imma fl-aħħar wasalt ħadt id-deċiżjoni biex qabbadt Avukat, qabbadt lil Dr Joe Sammut. Meta qabbadt lil Dr Sammut, għax jiena kont qed nimmissjaha ħafna lit-tifla, tlajna l-Qorti, ġara li ġara, bdiet tuġagħni sieqi u ma stajtx nitla' l-Qorti aktar.

25. A qed tgħid li minn Diċembru, 2005 jiena qatt ma tajt każ ta' binti. Allura A għalfejn għadet tistenna lili niftaħ il-kawża jekk riedet il-manteniment? Għax ma fetħithiex dawk iż-żminijiet? Qagħdet tistenna lili niftaħ il-kawża u mbagħad rikbet fuq tiegħi għax wara li ġara li ġara lili u ma stajtx inkompli rikbet fuq il-kawża tiegħi u qed tiġġieled għall-manteniment issa. A kemm ilha li rranġat ma' dan Omissis l-ewwel dan ir-raġel u mbagħad it-tifla, għax kienet tgħidli *"ara ma tiġix għat-tifla għax iġġellidni*

*miegħu",* ma kienetx tgħidli *"ejja għat-tifla għax int missier it-tifla",* kienet tgħidli *"ara ma tersaqlix 'l hawn għax taqlagħli l-ġlied miegħu".* Jiena kont inċempillha lil A, u mbagħad kienet bidlet il-*mobile* u ma stajtx naqbadha aktar fuq il-*mobile*, id-dar mhux ser immur inħabbtilha, u allura kelli noqgħod nissaporti sakemm għamilt il-kuraġġ lili nnifsi u kont qabbadt lil Dr Sammut biex nibda t-triq għal Medjazzjoni. U minn hemmhekk 'l hawn bqajna sejrin hekk.

26. Illi rigward it-tielet premessa li mill-l ta' Diċembru, 2005, kienet biss A: li provdiet għall-ispejjeż kollha tat-tarbija X kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni ta` din il-kawża, l-intimat / konvenut B jispjega: Jiena qatt ma stajt naraha lit-tifla, u għall-manteniment kelli nibda l-proċeduri jiena. Jiena kieku kelli l-flus u ridt intiha xorta ma stajtx intiha għax meta kont per eżempju inċemplilha u ngħidilha *"ħa niġi għat-tifla"* kienet tgħidli *"le ara ma tiġix għat-tifla għax ikun hawn Omissis u ġġellidni miegħu"*. Jiġifieri ma stajt nagħmel xejn aktar jiena. Jiena naħseb lit-tifla kellha ttihieli għax jiena missierha.

27. Jiena naħseb la t-tifla qegħda tgħix ma' A, mhux magħha qegħda? Jien naħseb jekk it-tifla tkun miegħi jiena rrid nixtrilha, mhux ser noqgħod infittex lil A u ngħidilha trid ittini ta' l-ispejjeż.

28. Sa fejn naf jien it-tifla tiegħi tgħix man-nanna u man-nannu. Issa A qed tgħid li qed tħallsilha kollox hi, imma t-tifla tgħix man-nanniet materni tagħha. A tmur titlob lil ommha u lil missierha flus għax ma jkollhiex, għax moħħha biex tixtri l-ħwejjeġ u affarijiet hekk. Issa ma nafx kif qed tgħid ma' Omissis. Jekk jixtru xi ħaġa għat-tifla tiegħi, ommha u missierha jtuha l-flus. It-tifla qed tgħix man-nanna u n-nannu fuq, u A tgħix ma' Omissis u t-tifel tagħhom isfel, ġod-dar ta' ommha u missierha stess.

29. Illi rigward ir-raba' premessa ta' A: din ma hija minnha xejn kif juri ċar l-anness Dokument hawn indikat bħala Dokument RZ10 li effettivament huwa prova hajja kif kien l-istess intimat / konvenut B: li kien huwa li inizja l-Proċeduri tal-Medjazzjoni nhar is-17 ta' Mejju, 2007, imma

sfortunatament minħabba li kien qiegħed jiġi gwidat legalment ħażin allura skopra illi effettivament ir-rikorrenti ivvantaġġjat ruħha minn dawn il-proċeduri li oriġinarjament kienu ġew inizjati mill-istess intimat / konvenut u kwindi ma huwa minnu xejn u hemm ħafna ineżattezzi apparti minn fatti verifikabbli tul l-ewwel erba' premessi fir-rikors ġuramentat odjern ta' A.

30. Illi allura ma huwa minnu xejn dak li tgħid ir-rikorrenti / attriċi li hija ġiet awtorizzata tipproċedi bil-kawża odjerna permezz ta' digriet maħruġ fit-3 ta' Awissu, 2007, peress illi kif jindika l-anness Dokument RZ10 kien l-istess intimat / konvenut li inizja dawn il-Proċeduri tal-Medjazzjoni skond ma jindika l-anness Dokument RZ10.

31. Illi fiċ-ċirkostanzi l-ħames talbiet attriċi ta' A l-ebda waħda minnhom ma tista' tiġi akkolta u kieku kellu l-mezzi finanzjarji l-intimat / konvenut kien jagħmel il-kontro-talbiet imma din l-Onorabbli Qorti qegħda tingħata tant stampa ċara anke fid-dawl tad-diversi rikorsi li ġew intavolati mill-intimat / konvenut wara li dan intebaħ li mingħalih il-kawża kien bdiha hu u effettivament spiċċat biex bdietha A fit-terminu proprju fl-aħħar jum li kien ser jagħlaqlu ż-żmien l-intimat / konvenut B.

32. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha diversi dokumenti quddiemha anke fl-aħħar taqsima ta' din il-kawża u partikolarment ta' din ir-risposta ġuramentata fejn huwa evidenti li din m'hijiex xi biċċa teatrinata biex l-intimat / konvenut jevadi l-obbliġi tiegħu, infatti naraw anka f'Dokument RZ18, dokument datat 15 ta' Jannar, 2008 li jindika li fl-20 ta' Frar, 2008 mit-tmienja u nofs ta' fil-għodu 'il quddiem f'MATER DEI l-intimat / konvenut ħa jibda l-ewwel pass biex ikunu jistgħu jassiguraw ruħhom l-awtoritajiet ta' l-Isptar Lokali fid-diagnozzar tagħhom ta' eżatt x'għandu l-intimat / konvenut u wara din jiġi determinat jekk l-intimat / konvenut jiprosegwix l-Ingilterra biex issirlu din l-operazzjoni serja bil-konsegwenzi kollha li jista' jkollha operazzjoni serja jiġifieri fir-rigward ta' l-ewwel talba l-kura u kustodja tat-tifla minuri X għandha tkun konġunta imma t-tifla tibqa' għalissa tirresjedi ma' ommha li *purtroppo* qegħda tgħix ma' terza persuna u tifel li

għandha mingħand din it-terza persuna u allura t-tifla minuri li llum għandha seba' snin aktar tgħix man-nanna materna milli ma' ommha proprja, kwindi jkun fl-interess ta' l-minuri li l-kura u kustodja tkun konġunta bejn il-ġenituri u dan fl-interess suprem ta' l-istess bint minuri, kif tapprezza u tgħallimna din il-wisq Onorabbli Qorti.

33. Illi dwar it-tieni talba attriċi, l-intimat / konvenut diġa' fisser lil din l-Onorabbli Qorti li huwa qiegħed jeżisti u mhux jgħix b'rata miżera li qed jagħtih id-Dipartiment ta' l-Assistenza Soċjali bħala Benefiċċju tal-Mard, skema kif dokumentat anka fl-Elenku ta' Dokumenti anness ma' din ir-risposta ġuramentata u anke kif indikat fil-Qorti f'rikorsi urġentissimi li gew intavolati kontra l-istess rikorrenti / attriċi odjerna: imma ċertament bħalissa, meta ngħidu bħalissa fi żmien immedjat, u meta ngħidu fi żmien immedjat ifisser fil-futur immedjat ukoll, u meta ngħidu fil-futur immedjat ifisser fis-snin li ġejjin, l-intimat / konvenut mhux ser ikun jista' jivversa ebda retta alimentari lill-għażiża bintu, u l-uniku ħaġa li ser ikun jista' joffrilha hu li din tmur tarah, u hu minn dak li jkollu jaqsam proporzjonalment magħha imma mhux f'termini ta' kumpens finanzjarju, u dan apparti milli dak li l-istess konvenut / intimat tenna dwar l-attriċi li jekk din taqbad flus il-minuri f'idejha ma tużahomx għall-minuri billi l-minuri qegħda tgħix man-nanniet materni u l-attriċi għandha l-ħajja tagħha mas-sieħeb tagħha li minnu għandha tarbija w in-nanniet materni jieħdu ħsieb mill-A sa z-Z għall-ħtiġijiet ta' din il-minuri.

34. Illi għalhekk li jkun fl-interess suprem tal-bint minuri li llum għad għandha seba' snin li l-kura u kustodja tagħha tkun konġunta biex malli litteralment l-intimat / konvenut jerġa' jiġi fuq saqajh, billi litteralment il-konvenut / intimat bħalissa m'huwiex fuq saqajh imma fuq il-krozzi u d-Dokument RZ18 jagħti ħjiel ta' minn x'hiex għad irid jgħaddi l-konvenut / intimat, imma jkun hemm dan is-salvagwardar illi t-tifla jibqgħu jieħdu ħsiebha n-nanniet materni, anka jekk missierha mhux kuntent bis-sitwazzjoni attwali, imma min-naħa tiegħu sfortunatament mhux qiegħed f'qagħda li jieħu ħsieb it-tifla minuri bħalissa minħabba l-gravita' tas-sitwazzjoni fiżika u psikoloġika

tiegħu, imma li wara li jgħaddi dan il-perjodu u bl-għajnuna ta' Alla jiġi postu l-intimat / konvenut allura jkunu jistgħu isiru arranġamanti biex it-tifla tara lil missierha, forsi tqatta' xi żmien ma' missierha u minn dak li jkollu missierha jaqsam ma' bintu imma mhux f'forma ta' finanzi li l-intimat / konvenut jerġa' jenfasiżża li l-attriċi dawn tridhom mhux veru għall-bint minuri imma biex tberbaqhom hi billi l-attriċi / rikorrenti hija ben magħrufa li hija mara tad-dinja u m'hemmx għalfejn li wieħed jelabora aktar f'dan l-istadju.

35. Illi l-intimat / konvenut mela ma jistax bir-rispett kollu lejn din l-Onorabbli Qorti jottempera ruħu mal-mitt lira Maltin fix-xahar bħala manteniment tal-minuri li din l-Onorabbli Qorti kif ippresjeduta ddegretat nhar is-26 ta' Ottubru, 2007, jiġifieri ftit aktar minn tliet xhur ilu u f'dawn it-tliet xhur l-intimat ma vversa ebda retta alimentari lill-attriċi għax ma jistax u dan għar-raġunijiet illi ġie missier bl-aktar mod dettaljat fil-korp fl-intier tiegħu kollu ta' din ir-risposta ġuramentata odjerna.

36. Illi għaldaqstant l-intimat / konvenut minkejja li ma għamel ebda kontro-talbiet, qed jitlob lil din il-Qorti biex tikkonsidera dan il-fatt fir-rigward tat-tieni talba attriċi li twassalna għat-tielet talba attriċi fejn l-attriċi qegħda tallega illi hija nkorriet spejjeż konsiderevoli fit-trobbija tal-minuri X u konsegwentement tiddikjara li din ir-retta alimentari hija dovuta mill-konvenut mill-1 ta' Diċembru, 2005, jew minn data oħra verjuri li jogħġobha tiddeċiedi din l-Onorabbli Qorti: fatti konnessi ma' din l-allegazzjoni ta' l-attriċi ġew imfissra mill-intimat / konvenut fl-evoluzzjoni ta' din ir-risposta ġuramantata odjerna u ċertament għaldaqstant l-ewwel talba u t-tieni talba u t-tielet talba attriċi għandhom jiġu respinti salv il-modifikazzjonijiet li l-intimat / konvenut għamel fir-rigward ta' l-ewwel talba, il-bqija huwa inutilita' li noqogħdu nitkellmu fuq retta alimentari f'dan l-istadju meta l-intimat / konvenut bilkemm għandu flus ħalli jgħix hu u spejjeż ta' natura gravi li kellhom isiru ġew żborzjati mill-istess ġenituri tiegħu li pero' ma jistgħux jagħtu aktar għax dawn għandhom tfal oħra x'jieħdu ħsieb barra l-intimat / konvenut kif sejrin ifissru l-istess ġenituri tal-konvenut /

intimat fl-affidavits tagħhom li huma sejrin jagħmlu tul il-mori ta' din il-kawża odjerna.

37. Illi din l-Onorabbli Qorti kienet ċaħdet ir-rikors tal-konvenut tad-19 ta' Novembru, 2007 u dan permezz ta' digriet ta' l-10 ta' Dicembru, 2007 wara tweġiba ta' l-attriċi / rikorrenti A; u fir-rigward tar-rikors li segwa, il-Qorti kienet ipprovdiet li hi kienet sejra tkellem lill-minuri X billi huwa evidenti li l-intimat / konvenut jixtieq illi jara daqsxejn lil bintu peress illi l-intimat / konvenut huwa missier normali anka jekk għandu l-isfortuna ta' dawn iċ-ċirkostanzi li ġew imfissra f'ċertu dettal f'din ir-risposta ġuramentata odjerna.

38. Illi fir-rigward tar-raba' talba attriċi m'hemm ebda somma li tista' tiġi dovuta mill-konvenut lill-attriċi bħala arretrati ta' mantaniment *ai fini* tat-tieni talba u dana għar-raġunijiet legalment u fattwalment fondati li diġa' ngħataw u l-istess japplika għall-ħames talba attriċi.

39. Illi għalhekk il-konvenut / intimat m'għandu jinkorri ebda spejjeż ġudizzjarji u extra ġudizzjarji li għandhom jiġu a karigu ta' l-attriċi / rikorrenti li għamlet din il-kawża bħala pika u allura għandha titqies bħala kawża frivola u vessatorja billi l-attriċi / rikorrenti taf ben tajjeb il-pożizzjoni mwegħra psikoloġikament u fiżikament tal-konvenut / intimat B.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tas-26 ta' Ottubru 2007 li permezz tiegħu l-Qorti ordnat li l-konvenut iħallas manteniment ta' mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar *pendenti lite*;

Rat id-digriet tat-18 ta' Frar 2008 li permezz tiegħu l-obbligu tal-konvenut li jħallas il-manteniment ġie sospiż b'effett mill-1 ta' Frar 2008;

Rat il-ftehim milħuq bejn il-partijiet fis-seduta tal-21 ta' April 2008 fejn il-partijiet qablu dwar l-aċċess u l-konvenut aċċetta li jħallas għaxar ewro fil-ġimgħa bħala manteniment għall-minuri;

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits tal-partijiet u semgħethom in kontro-eżami, u semgħet il-provi l-oħra;

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' April 2009 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob il-kura u kustodja u l-ħlas ta' manteniment għall-minuri li twieldet minn relazzjoni li kellha mal-konvenut. L-oġġezzjoni prinċipali tal-konvenut hija li huwa ma jaħdimx u allura ma hux f'pożizzjoni li jħallas manteniment kif qed titlob l-attriċi.

Il-Qorti konvinta li l-konvenut bħalissa għandu problema ta' saħħa u jidher ċar li fil-mument ma jistax jaħdem bi qliegħ minħabba dan. Madankollu xorta waħda l-Qorti ma tarax għaliex il-konvenut għandu jiġi meħlus mill-obbligu tiegħu li jmantni lill-minuri liema obbligu joħroġ evidentement mill-artikolu 7 tal-Kodiċi Ċivili – ara s-sentenza **"Micallef vs Scotto"** mogħtija fis-27 ta' Ġunju 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.. Barra minn hekk l-obbligu li wieħed imantni lil uliedu jipprexxindi jekk il-ġenitur jaħdmix jew le – ara s-sentenza **"Lea Tabone vs Jesmond Tabone"** deċiża fit-2 ta' Ottubru 2003.

Biss fiċ-ċirkostanzi l-Qorti se żżomm dan kollu fil-perspettiva u se tiffissa l-manteniment għall-minuri fis-somma ta' mitt Ewro (€100) fix-xahar – naturalment dan għandu jiġi awmentat hekk kif hu jsib impjieg anke *part time*.

Il-Qorti taqbel ukoll li l-konvenut għandu jmantni lit-tifel minuri mid-data tat-twelid għaliex huwa ċar li l-obbligu jitwieled mat-twelid tat-tarbija – salv preskrizzjonijiet li f'dan il-każ ma hemmx. Fil-fatt hija ġia tat digriet li permezz tiegħu ordnat il-ħlas ta' mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar f'Ottubru 2007, iżda jidher li dawn ma tħallsux u l-konvenut ħallas biss l-għaxar Ewro (€100) fil-ġimgħa

b'effett mill-21 ta' April 2008. Għalhekk il-Qorti biex tevita komputazzjonijiet problematiċi se tħalli dak l-ammont għaxar Ewro (€10) bħala manteniment ta' arretrati għalhekk mill-2001 sa April 2008 b'kollox tliet elef, sitt mija u tmenin Ewro (€3,680). Għal kull *buon fini* u biex jiġu evitati malintiżi l-Qorti qed tirrevoka *contratio imperio* d-digriet tagħha tas-26 ta' Ottubru 2007.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti qed tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u taffida l-kura u kustodja tal-minuri f'idejha bl-aċċess kif miftiehem bejn il-partijiet fil-verbal fuq imsemmi tal-21 ta' April 2008; u tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi *in linea* ta' arretrati tal-manteniment għall-minuri msemmi mid-data tat-twelid April 2008 is-somma ta' tliet elef, sitt mija u tmenin Ewro (€3,680) u b'effett mill-1 ta' Lulju 2009 is-somma ta' mitt Ewro (€100) fix-xahar, *rebus sic standibus*.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------